MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 837/2011

**MOBISLE COMMUNICATIONS LIMITED**

**vs**

**Graziella VELLA**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fit-28 ta' Settembru, 2011 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' elfejn u disghin euro u disgha u tletin centezmi ta' euro (€2,090.39) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn u disghin euro u disgha u tletin centezmu (€2,090.39) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizz/i ta' komunikazzjoni numru tal-kont A/C 51016914 moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellat sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-25 ta' Mejju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-verbal tal-25 ta' Mejju, 2012 fejn Dott. Keith Grech ghas-socjeta attrici talab li l-affissjoni fl-indirizz tad-dar tal-konvenuta ma ssirx u dan a tenur ta' l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 li jghid li l-affissjoni ssir safejn hu possibbli[1]. It-Tribunal laqa t-talba.

---

[1] "(3) Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom ilpersuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f 'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jaw twaħħil" – sottolinejar tat-Tribunal.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-25 ta' Mejju, 2012 u l-fatt li l-konvenuta naqset li jidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elfejn u disghin euro u disgha u tletin centezmi ta' euro (€2,090.39), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------